**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 349/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-esponenti izzewgu nhar it-30 ta' Marzu 2000 (certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. A);

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom zewgt'itfal bl-isem ta' N li ghandu erbatax-il sena u S li llum ghandha 12-il sena;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani datat 10 ta' Novembru 2009 (vide kuntratt anness);

4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal madwar sebgha (7) snin;

5. Illi r-rikorrenti ma jaraw li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejniethom huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Lulju 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-10 ta' Novembru 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.